*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Shimano Europe BV (Nunspeet, il-Pajjiżi l-Baxxi)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tinkludi l-element verbali "PRO" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 468 904

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1332/2017-5

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-talba għal oppożizzjoni Nru 002654773, imressqa kontra l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 14 468 904;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, u

— tikkundanna lil Shimano Europe BV għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem l-EUIPO.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 2017/1001;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2018 – Bayer Intellectual Property vs EUIPO (rappreżentazzjoni ta' qalb)**

**(Kawża T-123/18)**

(2018/C 142/82)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bayer Intellectual Property GmbH (Monheim am Rhein, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. von Bomhard u J. Fuhrmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark figurattiva tal-Unjoni (rappreżentazzjoni ta' qalb) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 701 568

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-7 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 145/2017-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tilqa’ l-appell ippreżentat mir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO; u

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 2017/1001.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Frar 2018 – Van Haren Schoenen vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-126/18)**

(2018/C 142/83)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* van Haren Schoenen BV (Waalwijk, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: S. De Knop, B. Natens, A. Willems u M. Meulenbelt, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors ammissibbli;

— tannulla r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2232 tal-4 ta’ Diċembru 2017 li jerġa’ jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b’mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta’ ċertu żraben bil-parti ta’ fuq tal-ġilda li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Vjetnam u li huma prodotti minn ċerti produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fil-Vjetnam u li jimplimenta s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawżi Magħquda C-659/13 u C-34/14, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 5(1) u (2) TUE minħabba l-assenza ta’ bażi legali tar-regolament ikkontestat u, sussidjarjament, fuq ksur tal-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali sanċit fl-Artikolu 13(2) TUE.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 226 TFUE, minħabba n-nuqqas ta’ adozzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex tiġi eżegwita s-sentenza tal-4 ta’ Frar 2016, C & J Clark International (C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74).

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikoli 1(1) u 10(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ([1]) u tal-prinċipju ta’ ċertezza legali fl-istabbiliment ta’ dazji antidumping fuq merkanzija li tiġi rilaxxata għal ċirkulazzjoni libera.

4. Ir-raba’ motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1036 sa fejn id-dazji antidumping ġew stabbiliti mingħajr evalwazzjoni ġdida tal-interess tal-Unjoni. Ir-rikorrenti tqis li, fi kwalunkwe każ, hija manifestament żbaljata d-deċiżjoni li l-istabbiliment ta’ dazji antidumping kien fl-interess tal-Unjoni.